MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Avviz Numru. 346/1998/1

**Red Rocks Investments Limited**

**Vs**

**Ronald Henry Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Lm800 (tmin mitt liri Maltin) dovut bhala bilanc minn somma akbar prezz ta’ vettura Bedford Astra (H9344) lill-konvenut mibjugh mis-socjeta’ attrici fis-26 ta’ Frar, 1991 liema somma il-konvenut kien obbligat ruhhu li jhallas sa mhux aktar tard minn sbatax il-xahar wara l-bejgh u cioe sas-26 ta’ Lulju, 1992 u dana bl-imghax relattiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittri ufficjali tal-21 ta’ Frar 1996 u tas-6 ta’ Frar, 1998 bl-imghax legali mis-26

ta’ Lulju, 1992 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta’ Red Rocks Investments Limited ghandha taghmel il-prova opportuna li hija ntitolata skond il-ligi sabiex tipprocedi fil-konfront ta’ l-eccipjent.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz skond l-avviz odjern mhux dovut.
3. Bir-rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (fol 43 ibid) u s-sentenza relattiva moghtija fil-21 ta’ Gunju 2006 (fol 62 et seq ibid).

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensuri tas-socjeta attrici.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Victor Fenech</u> (fol 27 et seq ibid) direttur tas-socjeta attrici spjega illi l-konvenut kien akkwista, bi tpartit “in parte” il-vettura msemmija fl-istess xhieda. Dwar l-istess negozju, l-konvenut kellu, ukoll, jhallas Lm2000 u difatti dan tal-ahhar kien iffirma <u>kambjalijiet</u> in konnessjoni mal-bilanc dovut ta’ Lm2000. Ix-xhud indika li l-kambjalijiet gew onorati “in parte”. Difatti a fol 30 sa fol 37 ibid jinsabu annessi tmien (8) kambjalijiet li ghadhom ma humiex onorati, b’kull kambjala aventi import ta’ Lm106.40 bl-imghax gja kalkolat u f’kull kambjala inklus. In atti hemm ukoll anness <u>il-ftehim</u> bejn il-partijiet (ara fol 38 ibid). Mal-istess ftehim jirrisulta illi l-konvenut kellu jhallas imghax ta’ 8½% kif ukoll 2% bhala spejjes bankarji ma’ kull pagament. Dwar il-pagamenti dawn kellhom jibdew fit-6 ta’ Marzu 1991 u kull xahar wara”. Skond ix-xhud, il-

konvenut kien ghad fadal li jhallas Lm800 referibbilment ghall-ahhar tmien kambjalijiet b'kollox Lm800.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 45 ibid) permezz ta' 'affidavit' xehed illi kien irrintraccja dokument li, skond hu juri li l-ammont kollu kien thallas minn liema dokument hu esebit a fol 46, liema dokument, pero', hu kwazi illegibbli u jonqos milli jkun car dwar jekk sarux il-pagamenti kollha (ara ukoll fol 66 u fol 67 ibid).

Ikkunsidrat

Illi wara li gew konsiderati is-segwenti:-

a) Kif di gja nghad, ma irrisultax b'mod car mid-dokument imsemmi li l-konvenut ghamel il-pagamenti kollha kif qed jallega.
b) Il-kambjalijiet in kwistjoni, tmienja b'kollox kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta attrici sakemm gew esebiti in atti, fatt li jindika illi l-import taghhom ghadu ma thallasx avolja immaturaw bejn is-26 ta' Dicembru 1991 u s-26 ta' Lulju 1992.
c) Jidher li s-socjeta attrici qed titlob anqas mill-import ta' kull kambjala. Difatti jidher illi qed jigi mitlub Lm100 ghal kull wahda minflok Lm106.46. Ghalhekk ma jistax jinghad illi qed jintalab imghax fuq bazi ta' usura kif jirrizulta mill-iskrittura ta' ftehim hawn fuq citata. Ta' minn jikkumenta, ukoll, illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li hu miftiehem bhala "bank charges" jkun filfatt, imghax ulterjuri. Pero', is-socjeta attrici ma jidhirx li talbet il-hlas ta' danni.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk it-talba attriic ghandha tigi akkolta.

Illi jinghad, ukoll, illi kif proposta, din l-azzjoni ma hiex wahda kambjarja. Inoltre ma jidhirx li l-konvenut hu kummercjant. Konsegwentement l-imghax li ghandu

jithallas hu wiehed umli u dekorribbli mid-data tal-ewwel ittra ufficjali cjoe mill-21 ta' Frar 1996.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm800 ossija €1863.50 bl-imghax legali mill-21 ta' Frar 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 1996 u tas-6 ta' Frar 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------